MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 1/2009

**Maurice Petrococchino**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta’ Dicembru, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru,
>
> Ra l-ittra ta’ l-appell datata 13 ta' Gunju 2008.
>
> Ra r-risposta ta’ l-appell tad-Direttur datata 28 ta' Lulju 2008, flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.
>
> Ra n-nota ta' l-appellant datata 7 ta' Awissu 2008.

> Ra r-risposta tad-Direttur datata 27 ta' Awissu 2008 flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.
>
> Ra n-nota responsiva ta' l-appellant.
>
> Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati mill-partijiet.
>
> Ikkunsidra:
>
> Illi wara li ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula kemm bil-miktub kif ukoll dawk li saru verbalment waqt is-seduta quddiemu, l-Arbitru jidhirlu li r-rata tal-pensjoni ta' l-appellant ghas-sena 2008 nhadmet skond il-ligi, u ghalhekk d-decizjoni tad-Direttur hija wahda gusta u timmerita konferma, u dan l-appell qed jigi michud.**"**

Kontra din is-sentenza appella r-rikorrenti Maurice Petrococchino, li talab ir-revoka taghha bl-invit aggIuntiv illi din il-Qorti tilqa' l-pretensjoni tieghu ghaz-zieda ta' €9.96 (*recte*, €8.96) fil-gimgha fir-rata tal-pensjoni tieghu b'effett minn Jannar 2008;

A prima vista minn dak riskontrat mill-atti tal-kaz, kompriz ir-rikors ta' l-appell u t-twegiba mid-Direttur ghalih, jidher li d-divergenza principali bejn il-kontendenti hi wahda bazata fuq il-metodu ta' kalkolazzjoni li kellu jkun adottat ghaz-zieda fir-rata kurrenti tal-pensjoni ghas-sena 2008. In partikolari, jekk ghall-kaz in ispecje ghandux japplika d-dispost ta' l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 318, kif hekk kontez mill-appellanti, jew, invece, l-Artikolu 59 ta' l-istess Kapitolu, kif hekk sottomess u pretiz mid-Direttur appellat;

Bhala fatt jirrizulta illi bl-emenda introdotta ghall-Kapitolu 318 bl-Avviz Legali XXXII tas-sena 2007, id-definizzjoni ta' l-espressjoni "Pensjoni tas-Servizz" fl-Artikolu 2 giet tfisser ukoll illi ghall-finijiet tal-kalkolu tar-rata ta' pensjoni din

kellha, b’sehh mill-5 ta’ Frar, 2008, tonqos bl-ammont ta’ €466;

Hi t-tezi tad-Direttur appellat illi l-precitat ammont ta’ €466 ittiehed in konsiderazzjoni fil-kalkolazzjoni maghmula minnu. Ghal precizazzjoni, sija skond l-ispjegazzjoni fornita mir-rapprezentanti tieghu quddiem l-Arbitru (ara Minuta tas-seduta tal-20 ta’ Ottubru, 2008, fol. 10), sija mid-deposizzjoni supplita minn Adrian Attard quddiem din il-Qorti (ara x-xhieda tieghu traskritta a fol. 58 fl-udjenza tal-11 ta’ Dicembru, 2009), ir-rata l-gdida tal-pensjoni ta’ l-appellanti ghas-sena 2008 giet komputata billi ttiehed rigward tad-dhul pensjonabbli tieghu bl-addizzjoni awtomatika fil-bidu ta’ dik is-sena tal-*cost of living increases*, kif aggustat aktar tard f’Lulju ta’ dik l-istess sena fit-termini ta’ l-emenda surreferita, ossija t-tnaqqis ta’ €466 fil-pensjoni tas-servizz, kif hekk ukoll indikat fil-prospett a fol. 34 esebit quddiem l-Umpire. Jinghad illi biex id-Direttur wasal ghall-istima ahharija tar-rata ta’ pensjoni kif mizjuda ghas-sena 2008 (€8.30 skond id-dokument a fol. 32) huwa bbaza ruhu fuq il-provvediment ta’ l-Artikolu 59 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali u li, skond in-nota marginali tieghu, jitratta minn “stima gdida ta’ pensjonijiet li ssir ta’ kull sena”;

Inversament, l-appellanti jinsisti anke f’dan l-istadju illi f’termini prattici u kollox ikkonsidrat l-emenda surreferita kellha tfisser illi l-pensjoni tieghu ghal dik is-sena partikolari kellha tizdied b’€465.87 fis-sena (*recte*, €466 skond l-istess emenda) ossija €8.96 fil-gimgha. Dan, skond l-istess appellanti, bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 56 ta’ l-Att. Li jfisser, skond l-appellanti, differenza ta’ €0.66 kull gimgha minn kif ikkumputat mid-Direttur (€8.30);

Premessi l-veduti differenzjali ta’ naha u ta’ ohra, l-ewwel osservazzjoni li jidher li ghandha ssir hi din. L-Artikolu 56 ta’ l-Att ghal liema jirreferi l-appellanti jahseb ghal mod kif tigi determinata l-pensjoni taz-zewg terzi ghal kaz fejn l-applikant intitolat ikollu dhul minn pensjoni tas-servizz li

ma tkunx wahda li giet f’xi zmien kommutata kollha. Hawnhekk, invece, il-qaghda prospettata titratta minn pensjoni pre-stabbilita taht l-Att u dik tar-revizjoni annwali taghha skond il-previzjoni tal-ligi fis-subincizi ta’ l-Artikolu 59. Jidher, difatti, illi r-re-estimazzjoni annwali tal-pensjoni ta’ l-appellanti ghas-sena 2008 nhadmet fuq il-bazi kkontemplata f’dan l-ahhar artikolu billi, kif hekk kellu jkun, ittiehed qies tal-“*updated permissible income*” tieghu, komprensiv ukoll taz-zidiet ghall-gholi tal-hajja u dawk l-ohra provvduti, bl-aggustament finali relattiv ghal pensjoni tas-servizz;

Il-Qorti ezaminat b’attenzjoni s-sottomissjonijiet kontrapposti tal-partijiet u hi tal-fehma illi l-ezercizzju maghmul u l-gudizzju fformat mid-Direttur appellat jikkorrispondi mad-dettami tal-ligi applikabbli ghall-fattispeci. Anzi, il-Qorti jidhrilha li ma ghandha izzid jew tnaqqas xejn mill-analisi maghmula mill-ufficcjali tad-Dipartiment ghaliex din tidher li hi guridikament korretta u matematikament ineccipibbli. Il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni in konsiderazzjoni tal-fatt illi dik l-istess analisi jidher li segwit il-kelma preciza tal-ligi u rrispettat ukoll il-principji regolaturi mahsuba u intenzjonati ghar-revizjoni tar-rata tal-pensjoni ta’ l-appellanti ghas-sena 2008. Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi l-komputazzjoni maghmula mid-Direttur ssib ir-riflessjoni u l-approvazzjoni shiha taghha fil-previzjoni ta’ l-Att traccjata fl-Artikolu 47 tieghu u l-Artikolu 5 (a) tat-Tlettax-il Skeda. F’din il-perspettiva ma jidherx li l-prospett Dipartimentali ta’ l-*workings* skond l-esebit a fol. 34 hu, skond ir-ragonament ta’ l-appellanti, wiehed inidoneju ghax bazata fuq kalkoli errati jew fuq vizjoni zbaljata tal-ligi.

Ghal motivi kollha suesposti l-Qorti qed tirrespingi l-appell sottopost u tikkonferma s-sentenza appellata ta’ l-Arbitru. Kif konswet, l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------